

31997L0060

3.12.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 331/7

ID-DIRETTIVA 97/60/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tas-27 ta' Ottubru 1997****li temenda għat-tielet darba d-Direttiva 88/344/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni użati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku ⁽²⁾,Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ⁽³⁾.

Billi l-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel eżamina mill-ġdid is-solventi ta' l-estrazzjoni kollha elenkati fid-Direttiva 88/344/KEE ⁽⁴⁾, bil-għan li jibdel id-dożi proviżorji aċċettabbli ta' kuljum (ADIs) stabbiliti fl-1981 b'ċifri definittivi; billi dan ma kienx dejjem possibbli għaliex it-tagħrif meħtieġ, għalkemm mitlub mill-industrija, ma ġiex ikkomunikat; billi, fuq il-bażi tat-tagħrif irċevut, il-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel kien kapaċi jikkonferma l-qbil tiegħu rigward il-maġġoranza tas-solventi; billi jistgħu jiġu mnaqqsa r-residwi massimi tas-solventi f'ċerti oġġetti ta' l-ikel;

Billi wħud mis-solventi mhumiex iktar użati u għalhekk għandhom jitneħħew mil-lista;

Billi b'riżultat tal-progress xjentifiku ġew żviluppati sustanzi oħra li jistgħu jiżdiedu mad-Direttiva; billi għandu jiġi awtorizzat solvent ġdid li rċieva opinjoni favorevoli mill-Kumitat Xjentifiku;

Billi dan is-solvent ġdid, jiġifieri l-1, 1, 1, 2-tetrafluoroetane, jiġi użat biss għall-estrazzjoni tat-taħwir u billi r-residwi fl-oġġetti ta' l-ikel ma jaqbżux iż-0,02 mg/kg; billi, minbarra dawk ir-residwi, is-solvent huwa rriċiklat kollu kemm hu, hekk illi l-użu tiegħu skond dawn il-kondizzjonijiet m'għandu l-ebda impatt fuq iż-żieda tas-sħana globali ta' l-atmosfera;

Billi l-emendi meħtieġa, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku, jammontaw għal miżuri ta' natura teknika; billi sabiex il-proċedura tiġi ssimplifikata u titgħaġġel, l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri għandha tiġi fdata f'idejn il-Kummissjoni;

Billi proċedura ta' dan it-tip tħaffet it-tqegħid fis-suq ta' l-innovazzjonijiet, li huwa għall-benefiċċju kemm ta' l-industrija u kemm tal-konsumatur.

⁽¹⁾ ĠU C 278, ta' l-24.9.1996, p. 25.⁽²⁾ ĠU C 66, tat-3.3.1997, p. 3.⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 1996 (ĠU C 347, tat-18.11.1996, p. 58), Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Marzu 1997 (ĠU C 157, ta' l-24.5.1997, p. 4) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Lulju 1997 (ĠU C 286, tat-22.9.1997). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 1997.⁽⁴⁾ ĠU L 157, ta' l-24.6.1998, p. 28. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/52/KE (ĠU L 331, tal-21.12.1994, p. 10).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 88/344/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

(1) Il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 4:

“(a) L-emendi meħtieġa għall-Anness fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku fil-kamp ta' l-użu ta' solventi, tal-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom u tal-limiti massimi tar-residwi.”

Il-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta' qabel isiru l-paragrafi (b), (ċ), u (d) rispettivament.

(2) L-Anness għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) IL-PARTI I

Is-sustanza “Aċetat tal-Butil” għandha titħassar.

(b) IL-PARTI II

L-iskrizzjoni għall-Ekzane għandu jiġi emendat kif ġej:

“L-Isem	Il-Kondizzjonijiet ta' l-użu (id-deskrizzjoni mqassra ta' l-estrazzjoni)	Il-Limiti massimi tar-residwi fl-oġġett ta' l-ikel jew fl-ingredjent ta' ikel estratti
L-Ekzane ⁽¹⁾ ((*))	<p>Il-Produzzjoni jew il-frazzjonalizzazzjoni tax-xaħmijiet u ż-żjut u l-produzzjoni tal-butir tal-kawkaw</p> <p>It-tħejjija tal-germolji taċ-ċereali bix-xaħam imneħħi</p> <p>30 mg/kg fil-prodotti tas-soya bix-xaħam imneħħi kif mibjugħa lill-aħħar konsumatur</p>	<p>It-Tħejjija tal-prodotti tal-proteini bix-xaħam imneħħi u ta' tipi ta' dqiq bix-xaħam imneħħi</p> <p>1 mg/kg fix-xaħam jew fiż-żejt jew fil-butir tal-kawkaw</p> <p>10 mg/kg fl-ikel li jkun fih il-prodotti tal-proteini bix-xaħam imneħħi u tipi ta' dqiq bix-xaħam imneħħi</p> <p>5 mg/kg fil-germolji taċ-ċereali bix-xaħam imneħħi.</p>

(*) (*) It-test tan-nota tal-qiegħ tal-paġna li tirreferi għalih in-nota ⁽¹⁾ fil-qiegħ tal-paġna jibqa' l-istess”

(ċ) IL-PARTI III

— Is-sustanza “*metil-propan-1-ol*” għandha tiġi mħassra.

— Għandha tiġi miżjuda s-sustanza li ġejja:

“L-Isem	Il-limiti massimi tar-residwi fl-oġġett ta' ikel minħabba l-użu tas-solventi ta' estrazzjoni fil-preparazzjoni tat-taħwir minn materjali naturali tat-taħwir
1,1,1,2-tetrafluoroetane	0,02 mg/kg”

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jemendaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom sabiex:

— jawtorizzaw il-kummerċ fil-prodotti li jikkonformaw mad-Direttiva 88/344/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva sa mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru 1998;

— jipprojbixxu l-kummerċ fil-prodotti li ma jikkonformawx mad-Direttiva 88/344/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva, mis-27 ta' April 1999. Madankollu, il-prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq jew ikunu ġew ittikkettjati qabel dik id-data u li ma jikkonformawx mad-Direttiva 88/344/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva, jistgħu jiġu mqiegħda fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Ottubru 1997.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J.M. GIL-ROBLES

Għall-Kunsill

Il-President

R. GOEBBELS
